

Brussell, 11 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15583/17

COASI 201
ASIE 63
CFSP/PESC 1125
POLGEN 167
RELEX 1099
COHOM 162
JAI 1187
WTO 310

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 15220/17

Suġġett: Tajlandja
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (11 ta' Diċembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tajlandja, kif adottati mill-Kunsill fit-3587 laqgħa tiegħu li saret fil-11 ta' Diċembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tajlandja

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza li huwa jagħti lir-relazzjonijiet tal-UE mat-Tajlandja. Il-Kunsill japprezza r-rwol kostruttiv li t-Tajlandja għandha bħala l-pajjiż koordinatur attwali tar-Relazzjonijiet ta' Djalogu bejn l-UE u l-ASEAN.
2. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu biex jiġi restawrat b'mod urġenti l-proċess demokratiku fit-Tajlandja permezz ta' elezzjonijiet kredibbli u inklużivi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.
3. Il-Kunsill ifakkar bi tħassib li d-drittijiet u l-libertajiet politiċi u ċivili tnaqqsu serjament fit-Tajlandja wara l-kolp ta' stat militari fl-2014. Il-libertà ta' espressjoni u tal-għaqda għadhom ristretti ferm permezz ta' għadd ta' liġijiet u digriet tal-NCPO. Barra minn hekk, l-attivisti tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem qed ikomplu jiffaċċjaw fastidju ġudizzjarju. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tali libertajiet bażiċi jerġgħu jiġu restawrati hekk kif it-Tajlandja tipproċedi lejn id-demokrazija, u jtenni l-importanza li huwa jagħti lir-rwol tas-soċjetà ċivili f'demokrazija li tiffunzjona. F'dan ir-rigward, l-UE ser tkompli tappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.
4. Il-Kunsill ihegġegħ lill-awtoritajiet Tajlandiżi biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet aċċettati matul it-tieni eżami perjodiku universali tat-Tajlandja (Mejju 2016).

5. Il-Kunsill jinnota l-promulgazzjoni fis-6 ta' April 2017 tal-Kostituzzjoni l-ġdida tat-Tajlandja li tiddikjara li l-elezzjonijiet ġenerali għandhom isiru fi żmien 150 jum wara li jiġu promulgati erba' liġijiet organiċi meħtieġa. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota li t-tnejn għall-elezzjonijiet leġislattivi mexjin 'il quddiem. F'dan il-kuntest il-Kunsill jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kap tal-Kunsill Nazzjonali għall-Paċi u l-Ordni (NCPO) fl-10 ta' Ottubru 2017 li l-elezzjoni ġenerali issir f'Novembru 2018. Il-Kunsill ihegġegħ li l-liġijiet organiċi li fadal jiġu adottati malajr kemm jista' jkun u li tiġi rrispettata l-iskeda ta' żmien kostituzzjonali biex issir elezzjoni.
6. Il-Kunsill jinnota d-deċizzjoni tal-mexxejja militari Tajlandiżi li jwaqqfu gradwalment il-prattika ta' prosekuzzjoni ta' persuni ċivili quddiem il-qrati militari għal għadd ta' reati mit-12 ta' Settembru 2016, inkluż għal reati kontra s-sigurtà interna u reati ta' leżi majesté. Il-Kunsill ihegġegħ lill-awtoritajiet Tajlandiżi biex ma jharrkux persuni ċivili quddiem il-qrati militari għal reati ta' leżi majesté li twettqu qabel it-12 ta' Settembru 2016.
7. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet ta' Ġunju 2014 li ddikjaraw li l-UE ser iżomm ir-relazzjonijiet tagħha mat-Tajlandja taħt eżami u ser tqis aktar miżuri possibbli, skont iċ-ċirkostanzi. Fid-dawl tal-iżviluppi msemmija hawn fuq, il-Kunsill iqis li hu xieraq jerġa' jinvolvi ruħu politikament b'mod gradwali fit-Tajlandja.
8. Għalhekk, il-Kunsill iddeċieda li jerġa' jibda kuntatti politiċi fil-livelli kollha mat-Tajlandja sabiex jiġi ffaċilitat djalogu kostruttiv dwar kwistjonijiet ta' importanza reċiproka, inkluż dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u t-triq lejn id-demokrazija. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħmlu użu sħiħ minn dawn il-kuntatti biex iqajmu dawn il-kwistjonijiet ta' tħassib.
9. Il-Kunsill jistenna b'interess l-approfondiment progressiv tar-relazzjonijiet mat-Tajlandja wara l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet kredibbli u inklużivi u titjib fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE tistenna lill-awtoritajiet Tajlandiżi biex jiżguraw ambjent politiku li fih il-partiti tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili jistgħu jiffunzjonaw liberament.

10. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora mat-Tajlandja il-possibilitajiet biex jerġgħu jibdew it-taħditiet dwar Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) bejn l-UE u t-Tajlandja.
11. L-iffirmar ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) u l-bidu mill-ġdid ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) tan-negozjati mat-Tajlandja, jistgħu imbagħad jiġu segwiti bi gvern ċivili elett demokratikament taħt il-Kostituzzjoni l-ġdida.
12. Il-Kunsill itenni li ser ikompli jżomm ir-relazzjonijiet tiegħu mat-Tajlandja taħt eżami b'enfasi partikolari fuq l-oqsma li ġejjin:
 - it-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' espressjoni u tal-media kif ukoll fuq il-libertà tal-għaqda u assoċjazzjoni, it-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tal-partiti politiċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili inkluż ir-rispett u l-appoġġ għall-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
 - L-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet kredibbli u inklużivi f'konformità mal-istandards internazzjonali li jwasslu għal istituzzjonijiet demokratiċi li jaħdmu bis-sħiħ;
 - l-installazzjoni ta' gvern ċivili elett demokratikament skont il-Kostituzzjoni l-ġdida.
13. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta biex tassisti lit-Tajlandja biex tilħaq dawn l-għanijiet, fi spirtu ta' sħubija.
14. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli flimkien mal-Kummissjoni biex jissorveljaw u jżommu lill-Kunsill infurmat dwar il-progress li jsir.